# 56. Wara Ġlieda...

Fil-ġlieda fija ta’ bejn Tjieba w Ħjiena
rebħet il-Ħjiena wara ħafna dmija,
u issa ngħodd ruħi mal-bnedmin il-ħżiena,
għal kull xorta ta’ dnub ruħi mħejjija.

It-Tjieba tinsab fl-art, għall-mewt għajjiena,
għaxja bl-uġigħ bi swied il-qalb mifnija;
kull xħin tissalta tqum malajr il-Ħjiena
lilha ssabbat mal-art b’daqqa qawwija.

Kien ilha ħafna żmien l-imsejkna Tjieba
titlob għajnuna lil kull ruħ għaddejja,
iżda l-għajnuna baqa’ ħadd ma ġiebha.

Forsi issa fl-aħħarnett, meta mitfija
kull tama ta’ qawmien, tasal b’inkejja
xi ruħ illi trid tgħin kollha mbikkija.